**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠSTRAT DR. KEVAN AZZOPARDI B.A., LL.D.**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Frankie Sammut)**

**Vs**

**Tran The Xuong**

**Illum: 07 ta' Awwissu, 2023**

Rat li Tran The Xuong 54 sena, iben Son Huyen imwieled Phu Tho Vietnam fl- 10 ta' Lulju 1969, residenti s- Slovakkia u detentur tal-passaport Vietnamiż numerat C3896669 tressaq taħt arrest:

"…

1. *U nakkuzawh talli fil-5 ta' Awissu 2023 u/jew fix-xhur ta' qabel f'dawn il-Gzejjer ta' Malta, għenn jew assista lil xi persuna biex tinzel l-art jew tittanta tinzel l-art f'Malta, jew li toqghod gewwa Malta, kontra d-disposizzjonijiet ta'dan l-att, jew lil xi persuna biex tinzel l-art jew tittanta tinzel l-art jew li toqghod gewwa, jew li titlaq minn xi stat iehor bi ksur tal-ligi dwar id-dhul, ir-residenza u l-hrug ta' dak l-istat, jew tahbi jew taghti kenn lil xi persuna li tkun taf, jew ikollha tassew, ghax tahseb, li tkun qieghda f'malta kontra d-disposizzjonijiet ta' dan l-Att bi ksur artikolu 18*

*tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 32 (1) (a) tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta' Malta.*

2. *Nakkużah ukoll tall- fl-istess perjodu lok u ċirkostanzi kellu fil-pussess tieghu dokument maħruġ minn awtorità kompetenti, cioé passaport tal-Olanda, innumerat BDR24CP19 u maħruġ f'isem Dao Trong Dung mahrug fuq l-istess isem imsemmi aktar qabel, ittrasferixxa dan id-dokument lil persuna oħra jew irċieva dokument li ġie ittrasferit lilu minn persuna oħra (Kap 61, Sec 3 tal-Liġijiet ta' Malta).*

3. *Nakkużah ukoll tall- fl-istess perjodu lok u ċirkostanzi kellu fil-pussess tieghu dokument maħruġ minn awtorità kompetenti, cioé passaport tal-Vietnam, innumerat N2401731 u maħruġ f'isem Pham Thi Quyen mahrug fuq l-istess isem imsemmi aktar qabel, ittrasferixxa dan id-dokument lil persuna oħra jew irċieva dokument li ġie ittrasferit lilu minn persuna oħra (Kap 61, Sec 3 tal-Liġijiet ta' Malta)*

4. *U aktar talli matul l-istess żmien, lok u ċirkostanzi għamel użu jew ittanta jagħmel użu minn dokument maħruġ lil persuna oħra, cioé dak diġa imsemmi (Kap 61, Sec 4 tal-Liġijiet ta' Malta)*

5. *Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-ligijiet ta' Malta*

*…"*

Rat li l-imputat waqt is-seduta tal-lum huwa ammetta l-akkużi, kif ukoll li wara li l-Qorti spjegat il-portata tal-ammissjoni lill-imputat stess u l-possibbli sentenza li tista' tingħata fiċ-ċirkostanzi, u wara li tat żmien lill-imputat biex jerġa jikkonsulta mal-avukat tiegħu u tat ukoll iż-żmien biex jikkunsidra l-ammissjoni mill-ġdid, l-imputat ikkonferma l-ammissjoni tiegħu.

**Ikkunsidrat**

Fl-isfond ta' l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-imputat, il-Qorti ma għandhiex triq oħra salv li ssib lill-imputat ħati ta' l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu.

Semgħat it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

Il-Qorti ikkunsidrat l-ammissjoni bikrija tal-imputat, l-fatt li huwa ikkopera mal-pulizija, u l-fedina penali netta tiegħu.

Ikkunsidrat ukoll in-natura serja tal-akkużi kontra l-imputat, u li l-atti li wasslu għal imputazzjonijiet odjerni saru bil-għan ta' qliegħ finanzjarju għaliħ.

Għal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikolu 32(1)(a) tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-Artikoli 3 u 4 tal-Kapitolu 61 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Qorti fuq ammissjoni tal-imputat stess issibu ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, u tikkundannah għal-piena ta' sena (1) priġunerija effettiva, u multa ta' sitt (6) elef Ewro.

**Dr Kevan Azzopardi B.A., LL.D**
**Maġistrat**

**Josanne Gauci**
**Deputat Reġistratur**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------